

**KOMUNITÀ EWROPEA
KOMUNITÀ EWROPEA GĦALL-ENERĠJA ATOMIKA**

**ITTRA TA' EMENDA Nru 2
RIVEDUTA
GĦALL-ABBOZZ TAL-BAĠIT ĠENERALI
TAL-KOMUNITAJET EWROPEJ
GĦAS-SENA FINANZJARJA 2007**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

**STABBILIT MILL-KUNSILL
FIT-30 TA' NOVEMBRU 2006**

1. Fit-28 ta' Settembru 2006, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill l-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-Abbozz Preliminari tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2007.
2. Din l-Ittra ta' Emenda hija dwar l-infiq taħt it-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit Komunitarju u tkopri l-elementi li ġejjin:
 - a) Tibdil b'effett finanzjarju nett:
 - ħolqien ta' artikolu ġdid 40 02 43 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*) b'EUR 500 miljun f'appropjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF);
 - inklużjoni ta' EUR 15-il miljun f'appropjazzjonijiet ta' impenn fir-riżerva għall-linja 13 03 12 (*Kontribut Komunitarju għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda*) dment li tiġi adottata l-proposta għal Regolament ġdid tal-Kunsill dwar il-kontributi finanzjarji Komunitarji għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (IFI);
 - żieda ta' EUR 6 miljuni f'appropjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 4.4 miljun f'appropjazzjonijiet ta' ħlas fir-riżerva tal-linja 24 02 01 (*Miżuri ġenerali biex tiġi miġġielda l-frodi (Hercule II)*), b'segwitu għall-proposta għal Deċiżjoni li temenda u testendi d-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE dwar programm ta' azzjoni Komunitarju biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (Hercule II);
 - tibdiliet li jirriflettu l-varjazzjoni fil-komponenti ta' l-Intestatura 1b fil-bażijiet legali li ġew adottati, relattivi għall-pakketti rispettivi li kienu magħrufa meta ġie ppreparat l-APB 2007. Iż-żieda netta hija ta' EUR 8.4 miljuni f'appropjazzjonijiet ta' ħlas.
 - b) Tibdiliet mingħajr effett finanzjarju li fil-parti l-kbira jinkludu l-aġġornament ta' rimarki baġitarji u aġġustamenti tekniċi oħrajn.

3. Fis-17 ta' Ottubru 2006, il-Kunsill stabbilixxa l-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-Abbozz tal-Baġit 2007 kif tidher fid-dokument 13886/06.
4. Fit-28 ta' Novembru 2006, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu qbil dwar l-Ittra ta' Emenda Nru 2 fuq l-elementi li ġejjin:
- li jaċċettaw il-ħolqien ta' artikolu ġdid 40 02 43 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*) b'EUR 500 miljun f'appropjazzjonijiet ta' impenn għall-Fond Ewropew għall-Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF);
 - li jaċċettaw iż-żieda ta' EUR 6 miljuni f'appropjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 4.4 miljun f'appropjazzjonijiet ta' ħlas fir-riżerva tal-linja 24 02 01 (*Miżuri ġenerali biex tiġi miġġielda l-frodi (Hercule II)*), wara l-proposta għal Deċiżjoni li temenda u testendi d-Deċiżjoni Nru 804/2004/KE dwar programm ta' azzjoni Komunitarja biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (Hercule II);
 - li ma jaċċettawx l-elementi l-oħrajn inklużi fl-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-Abbozz Preliminari tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2007.

Fir-rigward taż-żieda ta' EUR 15-il miljun f'appropjazzjonijiet ta' impenn fir-riżerva proposta mill-Kummissjoni għall-Fond Internazzjonali għall-Irlanda (IFI), il-Kunsill diġà inkludihom meta stabbilixxa l-Abbozz ta' Baġit 2007, għalhekk l-ammont jibqa' kif adottat fl-Abbozz tal-Baġit.

5. Fit-30 ta' Novembru 2006, il-Kunsill stabbilixxa l-Ittra ta' Emenda Nru 2 riveduta għall-Abbozz tal-Baġit għas-sena finanzjarja 2007 abbażi tal-punt 4 imsemmi hawn fuq u kif tidher fl-anness tekniku għal dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.

Ittra ta' Emenda Nru 2
għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej
għas-sena finanzjarja 2007

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 272 tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 177 tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament Finanzjarju tal-25 ta' Ġunju 2002, applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 34 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-Abbozz ta' Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 stabbilit mill-Kunsill fis-17 ta' Lulju 2006,

Wara li kkunsidra l-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-Abbozz Preliminari tal-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 li huwa rċieva mill-Kummissjoni,

Billi l-Parlament Ewropew u l-Kunsill laħqu qbil dwar l-Ittra ta' Emenda Nru 2 fit-28 ta' Novembru 2006, l-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007, kif stabbilit mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru, għandha tinbidel.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu Uniku

L-Ittra ta' Emenda Nru 2 riveduta għall-Abbozz tal-Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 hija b'dan stabbilita kif tidher fl-anness tekniku għal dan il-memorandum ta' spjegazzjoni.

L-Ittra ta' Emenda Nru 2 għall-Abbozz ta' Baġit Ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej għas-sena finanzjarja 2007 stabbilit mill-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2006 għandha titħassar.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Novembru 2006.

Għall-Kunsill
Il-President

¹ ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1, bil-Corrigendum fil-ĠU L 25, 30.1.2003, p. 43.

ANNESS TEKNIKU

VOLUM 4

TAQSIMA III - KUMMISSJONI

Artikolu 24 02 01 - Miżuri ġenerali għall-ġlieda kontra l-frodi - Hercule II

Rimarki, bażi legali, atti ta' referenza u ċifri jiġu emendati kif ġej:

24 02 01 NCE	2006		PDB 2007		DB 2007		EMENDA		AMMONT ĠDID	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
Appropriazzjonijiet	7 725 000	6 813 800	p.m.	4 620 000	p.m.	4 620 000	0	0	p.m.	4 620 000
Riżervi			7 725 000	1 980 000	7 725 000	1 980 000	6 000 000	4 400 000	13 725 000	6 380 000

Intestatura:

Miżuri ġenerali għall-ġlieda kontra l-frodi - Hercule II

Rimarki:

L-ex Artikolu 24 02 01, il-Partita 24 02 04 01 u l-Partita 24 02 04 02

Din l-appropriazzjoni hija maħsuba biex tiggarantixxi lill-Istati Membri u lill-OLAF aċċess għall-informazzjoni strateġika meħtieġa fl-investigazzjonijiet; l-OLAF għandha aċċess għal sorsi ewlenin ta' informazzjoni dwar kumpaniji, kummerċ internazzjonali u opri tal-baħar.

Bl-istess mod, għejjun oħra *on-line* ta' informazzjoni jistgħu jintużaw għall-investigazzjonijiet speċifiċi jew għall-ħtiġijiet għall-prevenzjoni tal-frodi, partikolarment fl-oqsma tad-dwana u l-agrikultura.

Din l-appropriazzjoni tkopri wkoll:

- l-organizzazzjoni mill-OLAF ta' seminars jew workshops,
- l-organizzazzjoni ta' seminar annwali dwar is-"sigaretti",
- għajjnuna teknika u xjentifika għall-iżvilupp u l-ġħoti ta' għodod informatiċi speċifiċi għal xogħol ta' sħarriġ; arranġamenti amministrattivi qed ikunu konklużi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC).

Din l-appropriazzjoni maħsuba għax-xiri ta' tagħmir speċifiku biex tiġi miġġielda l-frodi u biex ikun hemm għajjnuna teknika għall-iskop li tiġi miġġielda l-frodi; tinvolvi għotjiet lid-dipartimenti nazzjonali jew korpi oħra tas-settur pubbliku biex ikunu jistgħu jorganizzaw dawn l-azzjonijiet. L-għajjnuna teknika tfisser ukoll l-organizzazzjoni ta' *seminars* għall-istaff tad-dipartimenti kkonċernati.

Tkopri wkoll miżuri ta' taħriġ appoġġjati mill-OLAF li jikkontribwixxi fil-ġlieda kontra l-frodi li teffetwa l-interessi finanzjarji ta' l-Unjoni Ewropea billi jkun mħeġġeġ it-tagħqid ta' l-esperjenza u t-tixrid ta' kompetenza ġenerali u operattiva fl-oqsma ikkonċernati. Dawn il-miżuri mfassla wkoll biex jagħmlu l-OLAF u l-metodi tax-xogħol tiegħu aktar magħrufa u biex titjieb il-koperazzjoni billi jitkattar l-għarfien tal-mekkaniżmi Komunitarji u nazzjonali.

Għall-appropriazzjonijiet imdaħħla f'dan il-punt għandhom jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet mill-Istati ta' l-EFTA bis-saħħa tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 82 tiegħu u l-Protokoll 32 tiegħu. Għal skop ta' informazzjoni, dawn l-ammonti joħorġu mill-kontribuzzjonijiet ta' l-Istati EFTA mdaħħla għall-Artikolu 6 3 0 tad-dikjarazzjoni tad-dħul, li jista' jagħti lok għal dħul assenjat skond l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju; jistgħu jagħtu lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet korrispondenti u għall-implimentazzjoni skond l-Anness V ta' din il-parti tal-prospett tan-nefqa ta' din it-taqsim, li tiffirma parti integrali tal-baġit ġenerali.

Kwalunkwe dħul mill-kontribuzzjoni mill-pajjiżi kandidati għall-parteciċipazzjoni fil-programmi Komunitarji, imdaħħal fil-Punt 6 0 3 1 jew fid-dikjarazzjoni tad-dħul, jista' jagħti lok għall-għoti ta' appropriazzjonijiet addizzjonali skond l-Artikolu 18(1)(d) tar-Regolament Finanzjarju.

Bażi legali :

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom, KE) Nru. 2185/96 tal-11 Novembru 1996 dwar il-verifiki u l-ispezzjonijiet fuq il-post imwettqa mill-Kummissjoni sabiex tipproteġi l-interessi finanzjarji tal-Komunità Ewropea kontra l-frodi u irregolaritjiet oħra (ĠU L 292, 15.11.1996, p. 2).

Ir-Regolament (KE) Nru. 1073/1999 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tal-25 ta' Mejju 1999 dwar l-investigazzjonijiet li saru mill-Uffiċċju Ewropew għal Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 1).

Ir-Regolament tal-Kunsill (Euratom) Nru. 1074/1999 tal-25 ta' Mejju 1999 dwar investigazzjonijiet immexxija mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) (ĠU L 136, 31.5.1999, p. 8).

Id-Deċiżjoni Nru. 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, li tistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Erkole) modifikata bid-Deċiżjoni Nru ... tal-... tal- ... (Erkole II) [ĠU L XXX, ..., p...]

Il-Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ippreżentata mill-Kummissjoni fit-28 ta' Ġunju 2006, li temenda u testendi d-Deċiżjoni Nr.u 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 li tistabbilixxi programm Komunitarju ta' azzjoni biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm Hercule II) (COM(2006) finali).

Atti ta' referenza :

~~Il Proposta tal-Kummissjoni tal-... ta' deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li timmodifika u testendi d-Deċiżjoni 804/2004/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-21 ta' April 2004, li tistabbilixxi programm ta' azzjoni biex jippromwovi attivitajiet fil-qasam tal-protezzjoni ta' l-interessi finanzjarji Komunitarji (il-programm 'Erkole II') (COM(2006) XXXXX).~~

Ġustifikazzjoni:

Punt 40 02 41 01 - Approprazzjonijiet differenzjati (infq mhux obligatorju)

Iċ-ċifri jiġu emendati kif ġej :

40 02 41 01 NCE	2006		PDB 2007		DB 2007		EMENDA		AMMONT ĠDID	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
Approprazzjonijiet Riżervi	234 992 100	100 613 600	p.m.	p.m.	103 349 000	64 829 000	6 000 000	4 400 000	109 349 000	69 229 000

Ġustifikazzjoni:

Żid: 40 02 43 —

Il-Klassifikazzjoni tiġi emendata : NCE

It-tip jiġi emendata : DA

40 02 43 NCE	2006		PDB 2007		DB 2007		EMENDA		AMMONT ĠDID	
	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti	Impenji	Pagamenti
Approprazzjonijiet Riżervi							500 000 000	0	500 000 000	p.m.

Intestatura:

Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni

Rimarki:

L-għan ta' din ir-riżerva, skond il-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali l-ġdid dwar id-dixxiplina baġitarja u t-tmexxija finanzjarja soda hija li tipprovdi appoġġ addizzjonali għal ħaddiema li jsofru mill-konsegwenzi ta' bidliet strutturali maġġuri fl-istrutturi dinjija tal-kummerċ u biex tassistihom fir-riintegrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol.

Il-metodu tad-dħul ta' l-appropriazzjonijiet f'din ir-riżerva u għall-mobilizzazzjoni tal-Fond huma stabbiliti fil-Punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali u fl-Artikolu 12 tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

Bażi legali :

Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, imressqa mill-Kummissjoni fl-1 ta' Marzu 2006, li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (COM(2006) 91 finali).

Atti ta' referenza :

Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u t-titjib fil-proċedura baġitarja tas-17 ta' Mejju 2006 (ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1).

Ġustifikazzjoni :
